

Brussell, 4 ta' Meju 2023  
(OR. en)

8824/1/23  
REV 1

RECH 152

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: *Thejġija tal-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju))  
fit-22-23 ta' Meju 2023*  
Is-sigurtà tal-għarfien u l-internazzjonalizzazzjoni responsabbli  
- Skambju ta' fehmiet

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota mill-Presidenza dwar "Is-sigurtà tal-għarfien u l-internazzjonalizzazzjoni responsabbli" bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill Kompetittività tat-23 ta' Meju 2023.

**NOTA MILL-PRESIDENZA GĦALL-ISKAMBJU TA' FEHMIET DWAR "IS-SIGURTÀ  
TAL-GĦARFIEN U L-INTERNAZZJONALIZZAZZJONI RESPONSABBLI"**

**L-integrità u s-sigurtà tar-riċerka f'dinja polarizzata**

Il-kollaborazzjoni internazzjonali fir-riċerka hija ta' importanza kbira għall-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja (HEI) u għall-Organizzazzjonijiet li Jwettqu r-Riċerka (RPO) biex ix-xogħlijiet ta' riċerka jibqgħu rilevanti u ta' kwalità għolja. Il-kooperazzjoni internazzjonali tgħin biex jinħolqu networks fost l-aqwa talent fid-dinja, tipprovdi aċċess għal swieq ġodda għal kumpaniji innovattivi, tippromwovi l-istandardizzazzjoni u tibni massa kritika biex tindirizza l-isfidi dinjija. L-avvanzi, l-iskoperti u l-innovazzjonijiet xjentifiċi jseħħu f'ekosistema interattiva, interdixxiplinari u internazzjonali, fejn ir-riċerkaturi jistgħu jikkooperaw abbażi ta' prinċipji u valuri kondiviżi, bħal-libertà akkademika, l-integrità tar-riċerka u l-attitudni miftuħa.

Minkejja dan, l-attitudni miftuħa u l-kollaborazzjoni jirrikjedu wkoll sensibilizzazzjoni u għarfien tat-theddid u r-riskji eżistenti għas-sigurtà, kif ukoll sforzi sistematiċi biex jiġġildulhom. F'dinja dejjem aktar inċerta u polarizzata, jinħolqu tensjonijiet u sfidi ġeopolitiċi ġodda fejn l-ambjent miftuħ tar-riċerka u l-kollaborazzjoni internazzjonali fir-riċerka jirriskjaw li jiġu sfruttati b'mod inġust u mxekkla minn setgħat barranin biex ikunu adatti għall-interessi tagħhom stess. It-theddid minn stati barranin u atturi mhux statali jista' jwassal għal trasferiment ta' għarfien mhux mixtieq u interferenza f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni (R&I), inkluż appoġġ għat-tfassil tal-politika. Dawn ir-riskji għas-sigurtà jheddu li jagħmlu ħsara serja lill-ekosistema tar-riċerka internazzjonali. Jeħtieġ li jiġu enfasizzati wkoll kwistjonijiet etiċi li jirriżultaw mill-kooperazzjoni ma' pajjiżi li ma jirrispettawx id-drittijiet fundamentali u l-libertà akkademika. Twissijiet minn servizzi ta' sigurtà u inċidenti li saru pubbliċi fil-media jenfasizzaw il-ħtieġa li l-atturi fis-sistema Ewropea tar-R&I jevitaw li jkunu inġenwi.

Hemm bżonn li l-internazzjonalizzazzjoni tar-riċerka tkun ibbażata fuq etika rigoruża tar-riċerka, fosthom l-integrità tar-riċerka u r-responsabbiltà. Ir-riċerkaturi, is-servizzi ta' appoġġ u l-ġestjoni tal-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja jeħtieġ li jivvalutaw l-isfidi u l-opportunitajiet relatati mal-kollaborazzjoni internazzjonali. Eżempji ta' kif il-komunità tar-riċerka tista' timmaniġġja s-suspetti u l-biża' ta' aġendi moħbija jinkludu aktar trasparenza, sensibilizzazzjoni dwar tensjonijiet ġeopolitiċi usa', ġestjoni tar-riskju tajba li tibbilanċja d-diliġenza dovuta ma' prattiki li jwasslu għall-bini ta' relazzjonijiet, u edukazzjoni dwar l-internazzjonalizzazzjoni responsabbli.

### **Iż-żamma tal-bilanċ bejn il-kollaborazzjoni internazzjonali miftuħa u dik ristretta fil-qasam tar-riċerka**

L-internazzjonalizzazzjoni responsabbli timplika proċess strutturat għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-opportunitajiet u r-riskji fil-kollaborazzjonijiet tar-riċerka. Approċċ bħal dan iwassal għal thejjiya u sensibilizzazzjoni aħjar kif ukoll għal aktar għarfien dwar l-interferenza barranija, filwaqt li jissalvagwardja wkoll id-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-libertà, l-integrità u l-awtonomija akkademika.

L-attitudni miftuħa, it-trasparenza, is-sigurtà, il-libertà u l-integrità huma elementi kruċjali għall-internazzjonalizzazzjoni responsabbli. Għalhekk, l-attitudni miftuħa u s-sigurtà m'għandhomx jitqiesu bħala kontradittorji iżda pjuttost għandhom ikunu bbilanċjati u komplementari. Madankollu, iż-żamma tal-bilanċ bejn kollaborazzjonijiet xjentifiċi miftuħa u bbażati fuq il-fiduċja minn naħa u regolamenti protettivi u restrittivi min-naħa l-oħra, hija sfida ewlenija. Ir-regolamentazzjoni żejda jew l-intervent eċċessiv jistgħu jipperikolaw il-libertà ta' inkjesta u skambju xjentifiċi.

F'Settembru 2021, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar "l-Approċċ globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel", filwaqt li enfasizza l-impenn tal-UE li tiddefendi l-attitudni miftuħa fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-konklużjonijiet jenfasizzaw ukoll il-promozzjoni tal-valuri kondiviżi tal-UE u l-iżgurar tal-interessi tagħha, li jinkludu l-bini ta' tmexxija u kompetittività tar-R&I, u t-tisħiħ tal-miżuri kontra l-interferenza barranija.

F'Ġunju 2022, ġew adottati l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-prinċipji u l-valuri għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni". Il-konklużjonijiet irrikonoxxew l-importanza tal-ġestjoni tar-riskju u s-sigurtà, u rakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiġġieldu kontra l-interferenza barranija u jimmaniġġjaw ir-riskji inerenti fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I. Dan kien jinkludi l-ġhoti ta' prekawżjonijiet adegwati dwar is-sigurtà tal-UE u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u industrijali, kif ukoll ir-regoli għall-protezzjoni tal-privatezza, tad-data personali u tal-infrastrutturi.

Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tal-Kunsill stiednu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw u jiżviluppaw aktar il-prattiki tajbin identifikati, bħal dawk fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "L-indirizzar tal-interferenza barranija fir-R&I" [traduzzjoni mhux uffiċjali] sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni tagħhom. Wara dan, inbeda eżerċizzju ta' taġlim reċiproku (MLE) dwar l-indirizzar tal-interferenza barranija fir-R&I, li jiffoka fuq suġġetti bħas-sensibilizzazzjoni u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, il-fehim u l-identifikazzjoni ta' theddid ta' interferenza barranija u miżuri kontra dan it-theddid.

### **Mistoqsijiet għad-diskussjoni**

Fid-dawl ta' dan kollu, il-ministri huma mistiedna jagħtu l-fehma tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Bosta Stati Membri stabbilew approċċi u miżuri nazzjonali għas-salvagwardja tar-riċerka u l-kollaborazzjonijiet internazzjonali. X'esperjenzi u l-aħjar Prattiki tixtieq taqşam fir-rigward tal-indirizzar tal-interferenza barranija u s-sensibilizzazzjoni dwar it-theddid u r-riskji, filwaqt li tkompli wkoll tippromwovi l-attitudni miftuħa u l-kooperazzjoni internazzjonali? X'miżuri addizzjonali jistgħu jittieħdu?
2. Ir-responsabbiltajiet fil-qasam tas-sigurtà u l-integrità tar-riċerka, inkluż l-identifikazzjoni u l-fehim tat-theddid ta' interferenza barranija, huma mqassmin fost diversi atturi, bħall-gvernijiet, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-aġenziji ta' finanzjament. X'miżuri jistgħu jittieħdu biex jissaħħu aktar il-koordinazzjoni u l-iskambju tal-aħjar Prattika bejn il-partijiet ikkonċernati involuti, inkluż il-komunità tar-riċerka?

3. Peress li t-tip ta' riskji jvarja ħafna bejn l-universitajiet u d-dixxiplini individwali, l-iżvilupp ta' approċċ uniku jista' jkun ineffettiv. F'dan ir-rigward, liema taħseb li huma l-isfidi ewlenin sabiex tintlaħaq implimentazzjoni b'suċċess u effiċjenti ta' linji gwida u listi ta' kontroll b'azzjonijiet u metodi konkreti biex tiġi indirizzata l-interferenza barranija?
-